# Min kien Patri Avertan Fenech Karmelitan?

**Dun Darren Pace**

Patri Avertan Fenech (qabel ma daħal mal-Karmelitani kien jismu Lwiġi Fenech) twieled il-Mosta fl-10 ta' Lulju 1871 u kien l-uniku wild ta' Duminku u martu Marija Attard. Trabba fil-għożża, u ngħata formazzjoni nisranija soda. Fit-12 ta' Frar 1888 daħal novizz Karmelitan fil-kunvent tal-Belt u fis-17 ta' Frar tas-sena ta' wara għamel il-Professjoni Sempliċi u beda jissejjaħ Fra Avetran. Fis-27 ta' Frar 1892 għamel il-Professjoni Solenni. Sadattant kien qed jistudja t-Teoloġija fil-kunvent ta' San Ġiljan. Fil-5 ta' Lulju 1896 ġie ordnat saċerdot, filwaqt li baqa' fil-kunvent ta' San Ġiljan, fejn ingħata mal-ewwel għall-qrar u d-direzzjoni spiritwali. Wara xi snin intbagħat fil-kunvent tal-Belt. Fl-1906 intbagħat fil-kunvent tal-Imdina bħala surmast tan-novizzi. Dam 26 sena jifforma ġenerazzjoni wara l-oħra ta' żgħażagħ fl-ispirtu tal-Ordni Karmelitan. Fit-23 ta' Mejju 1932 Patri Avertan tah attakk ta' puplesija li ħallieh b'nofs ġismu ma jiċċaqlaqx. Għadda ħdax-il sena u nofs f'din it-tbatija, dejjem bit-tbissima fuq wiċċu u b'ħarstu mwaħħla fuq il-Kurċifiss li kellu mdendel fuq soddtu. Miet fis-skiet tal-lejl, fl-ewwel sigħat tal-1 ta' Novembru 1943. Il-fdalijiet tiegħu jinsabu fil-kripta tal-Knisja tal-Karmnu tal-Imdina, wara li saret l-eżumazzjoni tal-fdalijiet tiegħu nhar is-26 ta' Novembru 1968 fil-preżenza tal-Arċisqof ta' Malta Mons. Mikiel Gonzi. F'ħajtu Patri Avertan kien meqjus bħala qaddis u wara mewtu għadd ġmielu ta' nies jingħad li qalgħu grazzji bl-interċessjoni tiegħu.



Patri Avertan Fenech, Karmelitan

Patri Avertan kien bniedem sempliċi u umli. Kien ifittex is-skiet biex ikun jista' jitħaddet ma' Alla bla ma jaqta'. It-tbissima tiegħu kienet tixhed il-paċi ta' qalbu. F'ħajtu ma għamel xejn speċjali imma fittex li jgħix dejjem fir-rieda ta' Alla, magħqud miegħu fit-talb. Il-mod kif ġarrab għal ħdax-il sena l-marda tiegħu tixhed l-awtentiċità u l-profondità tal-ħajja spiritwali tiegħu. Il-Provinċja Karmelitana Maltija permezz ta' Patri Amadeo J. Zammit O. Carm fis-sena 2001 ippublikata Ktieb bl-isem ta' ***Il-Ħajja ta' P. Avertan M. Fenech Karmelitan***. It-Terzjarji Karmelitani tal-fergħa tal-Parroċċa tal-Mosta minn żmien għal żmien jorganizzaw diversi pellegrinaġġi għall-Kunvent tal-Karmnu fl-Imdina, il-post fejn tinsab sal-ġurnata tal-llum iċ-ċella li minnha r-ruħ ta' dan il-Patri umli u qaddis ittajret lejn is-sema.

Fis-sena 2013 kien jaħbat is-70 sena mill-mewt tiegħu u nibtet ix-xewqa li dan il-Patri twajjeb jiġi mfakkar b'bust f'raħal twelidu, il-Mosta. Din ix-xewqa kienet mitmuma nhar il-Ġimgħa 31 ta' Ottubru 2014 meta kien inawgurat bust f'ġieħu, li tqiegħed fil-bidu ta' triq ġdida li ġġib ismu u li tinsab wara Rotunda. Dan il-monument sar bit-tħabrik tat-Terzjarju Karmelitani tal-Mosta u benefatturi oħra kkordinati mill-ħidma tas-sinjura Anna Cordeiro. Il-bust u disinn tal-monument huwa xogħol l-iskultur Mosti Savio Deguara.

Jalla l-eżempji qaddisa ta' Patri Avertan u tant saċerdoti u reliġjużi oħra li fis-skiet u talb urew ruħhom bħala ħaddiema ħawtiela, ikompli jixpruna aktar persuni ġenerużi li lesti jaħdmu fl-għalqa tal-Mulej.

Għaldaqstant nhar il-Ġimgħa 30 ta' Ottubru 2014, lejlet l-anniversarju mill-mewt ta' Patri Avertan, it-Terzjarji tal-fergħa tal-Mosta flimkien ma' oħrajn minn diversi fergħat oħra f'Malta,







Il-quddiesa u ċ-ċerimonja tal-kxif tal-monument ta' P. Avertan Fenech fil-Mosta

flimkien ma' benefatturi, qraba u familjari ta' Patri Avertan inġbarna fil-Knisja tal-Mosta fejn quddiem Ġesù Ewkaristija tlabna t-talba tar-Rużarju bi ħsibijiet mill-kitbiet ta' Patri Avertan u wara saret il-Barka Sagramentali. Id-diretturi spiritwali ta' diversi fergħat, id-delegat tat-Terzjarji Patri Alex Scerri O. Carm, l-Arċipriet tal-Mosta Dun Albert Buhagiar u xi saċerdoti oħra ċċelebrajna l-quddiesa mmexxija mill-Provinċjal Patri Alexander Vella O. Carm. Fl-omelija tiegħu huwa semma l-karatteristika qawwija ta' Patri Avertan li f'kull ritratt li għadna tiegħu li ħafna drabi juruh iġorr is-salib iebes tiegħu tal-mard li ħakmitu dejjem jidher bit-tbissima serena fuq wiċċu. Karatteristika li anke dawk li għexu miegħu jixhdu għaliha. Dan il-fatt jkompli jagħmel lil dan il-Patri mudell għall-mixja nisranija tagħna li quddiem is-slaleb tal-ħajja minkejja li nibżgħu minnu naċċettawh bil-qalb u rassenjazzjoni qaddisa mar-rieda t'Alla.

Wara l-quddiesa flimkien mal-Provinċjal imxejna sal-Post fejn twaqqaf il-Monument f'ġieħ Patri Avertan, li jinsab wara l-Knisja rotunda u wara li l-Provinċjal kixef il-monument, saret talba u tbierek. Xi qraba u benefatturi poġġew ukoll f'riġlejn il-Monument xi fjuri. Il-Provinċjal f'ħsieb qasir quddiem il-monument irringrazzja lil dawk kollu li taw il-kontribut tagħhom biex din ix-xewqa setgħet issir realtà. B'hekk issa dan il-Patri Karmelitan ta' ħajja qaddisa Avertan Fenech se jibqa' f'raħal twelidu, il-Mosta mhux biss fl-isem ta' triq imsemmija għalih imma ukoll f'dan il-monument f'ġieħu.

TALBA

*Infaħħrek, O Alla, għall-grazzji li bihom fawwart lill-qaddej tiegħek P. Avertan Fenech. Hu fittex lilek fuq kollox u qabel kollox u għex magħqud miegħek f'ħajja ta' talb u ġabra. Int għaddejtu mill-prova tat-tbatija u hu waħħal ħarstu fuq Kristu Msallab u baqa' fidil sal-aħħar. Għat-talb tiegħu agħtini li bħalu nsib fik l-hena veru ta' qalbi u nitolbok jekk inhi r-rieda tiegħek agħtini l-grazzja li qed nitolbok.*

Min jaqla' xi grazzja bl-interċessjoni ta' P. Avertan hu mitlub jgħarraf lill-Viċi Postulatur P. Charlò O. Carm, Kunvent tal-Karmnu, Triq Villegaignon, L-Imdina MDN1190.